14 ta' Ġunju 2013

**MISTOQSIJIET MINN INEWSMALTA.COM RIGWARD PARRINI NISA JEW IRĠIEL**

**Mistoqsijiet:**

- **Il-Kurja ta' Malta għandha pożizzjoni uffiċċjali u komuni dwar min jista' joqgħod parrinu jew le?**
- **Taħsibx li l-Knisja li llum hija policy *outdated*, din li xi ħadd ma jitħalliex joqgħod parrinu f'każi simili?**

**Tweġibiet:**

Ikollna każi ta' nies li ma jitħallewx joqogħdu parrini għax ikunu f'relazzjoni (ko-abittazzjoni) wara li jkunu isseparaw. Dan meta f'parroċċi oħra ma jkunx hemm l-istess problemi. Taħsibx il-Knisja li għandu jkun hemm pożizzjoni komuni?

Dan il-każ fakkarna wkoll f'meta deputati f'relazzjoni ta' koabittazzjoni ma kienux mistiedna għall-quddiesa tal-Papa. Ma tgħallmet xejn il-Knisja minn dak l-epsiodju.

L-Arċidjoċesi ta' Malta għandha *policy* komuni dwar min jsta' jkun parrinu/a. Din il-*policy* hija skont il-Liġi Universali tal-Knisja Kattolika, artiklu numru 874. Fost affarijiet oħra, dan l-artiklu jgħid li l-parrinu/a irid:

a) Ikollu sittax-il sena

b) Ikun kattoliku

c) Irċieva s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof u tal-Ewkaristija

d) Ikun qed igħix ħajja li taqbel mal-fidi u r-rwol li qed jieħu ta' parrinu.

Normalment, min ikun jikkoabita huwa meqjus li l-ħajja tiegħu ma taqbilx mal-kwalita' imsemmija f'ittra d).

Naturalment, jekk xi ħadd ma jimxix ma din il-*policy*, ikun qed jiżbalja.

Għandek kull dritt tagħti l-interpretazzjoni tiegħek ta' x'inhu *outdated*.